# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU: 2791

**Każ Numru: 3669/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Rebecca Fenech, KI 297594 (M)**

**u**

**Charlene Friggieri**
**eżerċitanti l-kummerċ ukoll taħt l-isem**
**The Playhouse Childcare Centre**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata inġusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A.,LL.B., Dip L.P., B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar, 2022**

**Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Avv. Franco Galea f'isem Rebecca Fenech fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar is-6 ta' Awwissu, 2018, fejn iddikjarat illi t-tkeċċija minn mas-soċjeta' intimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif preżentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'inkonsiderazzjoni' l-argumenti kif ippreżentati fis-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri.

**Rappreżentanza**

Rebecca Fenech li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrent, kienet assistita mill-Avv. Franco Galea.

The Playhouse Childcare Centre li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata kienet irrapreżentata mill-Avv. William Cuschieri.

**Fatti fil-qosor tal-każ**

Ir-rikorrenti kienet taħdem bħala child carer mas-soċjetà minn April 2017 u li allegatament ġiet imkeċċija mill-post tax-xogħol fil-15 ta' Mejju 2018 minħabba li nqabdet tqila. Skont ir-rikorrenti qabel ma nqabdet tqila ma kien hemm l-ebda lmenti mill-employer tagħha. Huwa allegat ukoll li fl-2017 kienet avviċinata mill-employer u talbitha żżomm lura milli tinqabad tqila. Kif ir-rikorrent qalet lill-employer li hi tqila fil-15 ta' Mejju 2018, l-employer qaltilha biex ma tirrapurtax għax-xogħol.

L-appellant, skont it-twegiba tas-soċjetà kienet diġà mwissija diversi drabi dwar traskurġani f'xogħolha. Is-soċjetà allegatament tgħid li mhux minnu tterminaltilha l-impjieg għax inqabdet tqila, tant li hemm ħaddiema oħra li ħarġet tqila u għadha taħdem hemm sal-lum. Is-soċjetà tgħid ukoll li nħarġulha anke twissijiet bil-miktub fuq imġibitha fosthom falsifikar ta' ħinijiet li jattendu c-childcare t-tfal u oġġetti li jitilfu jew ma jingħatawx lura lill-ġenituri tat-tfal, fosthom hearing aid ta' tifel li jattendi l-istess Childcare. Is-soċjetà tgħid ukoll li mhux minnu li temmitilha l-impjieg fil-15 ta' Mejju iżda fil-21 ta' Mejju 2018.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Charlene Friggieri,** l-intimata kkonfermat li l-impjieg tar-rikorrenti skatta f'April tal-2017 u kellu jintemm sena wara. Hija qalet li fuq l-Engagement Form tal-ETC (JobsPlus) r-rikorrenti ġiet irreġistrata bħala Contract worker, li skont l-istess ażjenda dan ifisser li l-impjegat ikun ġie ingaġġat għal kuntratt definit. Hija qalet li dan id-dokument iddaħħal l-ETC f'April tas-sena 2017. Hija qalet ukoll, għall-mistoqsija tat-Tribunal li m'għandhiex kuntratt tax-xogħol tar-rikorrenti imma għandha Statement of Employer, li fil-fatt iżżommu hi stess u ma jkun ippreżentat lil ħadd. Hija kkonfermat li lanqas ir-rikorrenti ma jkollha kopja.

**Rebecca Fenech** ir-rkorrenti qalet li hi u l-intimata qatt ma ftehmu xejn u xejn ma kien jindika li se timpjegaha għal sena. Qalet ukoll li meta kienet titkellem mal-kollegi, li anke kienu joħorġu flimkien, qatt ħadd minnhom ma indikalha li kien se jigi tterminat wara xi zmien, jew wara xi sena**.** Għall-mistoqsija tat-Tribunal x-xhud qalet li qatt ma ffirmat jew kellha kuntratt tax-xogħol**.**

Hija qalet ukoll li minkejja li kienet taf li se titħallas bil-€5.50 fis-siegħa, ma ġiet mogħtija l-ebda kundizzjonijiet tax-xogħol bil-miktub. Qalet ukoll li ġieli ħadmet 35 siegħa fil-ġimgħa, u ġieli ħadmet 45 siegħa jew aktar fil-ġimgħa.

Għall-kontroeżami x-xhud qalet li ma ffirmat xejn meta bdiet taħdem mas-soċjetà u ma rċeviet l-ebda ittra d-dar.

F'seduta oħra r-rikorrenti spjegat kif bdiet taħdem mas-soċjetà f'April tal-elfejn u sbatax (2017) bħala child carer. Għall-bidu bdiet ukoll tieħu taħrig mal-istess soċjetà għax din kienet ikkwalifikata tagħmel dan. Spjegat ukoll kif għall-bidu kollox kien sew u kienu jċemplu lil xulxin u joħorġu flimkien. Ix-xhud qalet ukoll li kienet infurmata biex ma toħrogx tqila għax jinqala' l-inkwiet, għax diġà kien hemm żewġ persuni oħra impjegati li kienu qed jistennew tarbija. Minkejja kollox x-xhud qalet li xorta ħarget tqila u minn naħa tas-soċjetà din l-aħbar inħasset bħala sfida. L-affarijiet inbidlu tant li x-xhud qalet li wara li ħarġet tqila ma baqgħetx tingħata l-istess xogħol imma ġiet inkarigata mit-tindif kif ukoll tbiddel in-nappies u tnaddaf jekk it-tfal jirremettu. Qalet ukoll li wara li ħarġet tqila bdiet tingħata twissijiet verbali u bil-miktub għal xejn. Ix-xhud qalet li darba minnhom fil-15 ta' Mejju 2018, qaltilha biex ma tmurx aktar għax-xogħol għax sfidatha. Wara li tterminatha, bagħtitilha diversi twissijiet li rieditha tiffirmahom inkluż dikjarazzjoni mal-JobsPlus li rreżenjat. Ix-xhud qalet ukoll li minn mindu ġiet itterminata qatt ma ħadmet aktar. Kellha t-tarbija u mardet bil-kanċer għal darba darbtejn.

**Joseph Saliba** mill-JobsPlus ikkonferma li l-engagement form tar-rikorrenti kienet tidher li mniżżla bħala 'contract worker'. Ix-xhud qal li dawn huma bbażati fuq x'jiddikjaraw l-employers, skont x'jisottomettu meta jibagħtu l-formoli ta' Bidu ta' Impjieg. Huwa qal ukoll li skont il-JobsPlus l-impjieg jidher li għadu għaddej u ma ġiex itterminat. Ix-xhud

spjega wkoll kif fil-bidu li bdiet topera l-korporazzjoni kienu jiddaħħlu l-Formoli ta' Bidu ta' Impjieg bħala hard copy biss. Issa qal bl-avvanż teknoloġiku, kollha jiddaħħlu b'mod elettroniku. Dan ifisser ma jkunx hemm firma tal-impjegat u dan huwa aċċettabbli għalihom ladarba hemm il-faċilità li tista' tiddaħħal il-formola b'mod elettroniku. Huwa spjega wkoll li minkejja li ma jkunx hemm firma tal-impjegat, minn naħa tagħhom, il-JobsPlus, kif jirċievu Registrazzjoni ta' imjieg, jinfetaħ file elettroniku fuq l-impjegat u titnbagħat *acknowledgement* kemm lill-impjegat, kif ukoll lil min iħaddem. Ix-xhud qal li għal xi raġuni, f'dan il-każ il-formola ddaħħlet forma hard copy, imtliet biss mill-employer u ma fihiex firma tal-impjegat. Huwa importanti li jkollok iż-żewġ firem, ladarba qed titwassal bħala hard copy. Ix-xhud qal li dan ma jkunx il-każ, ovvjamant meta tiddaħħal b'mod elettroniku.

Għall-kontroeżami x-xhud qal li l-formola hija magħmulha bl-id u ma fiha l-ebda data meta ddaħħlet jew meta ġiet sottomessa. Huwa ġie mitlub waqt il-kontroeżami li darba oħra jippreżenta provi ta' meta ddaħħlet din il-formola, u jekk kinux iddaħħlu wkoll formoli tal-impjegati l-oħra fl-istess zmien. Huwa ntrabat ukoll li jippreżenta wkoll provi jekk inbagħtux a*cknowledgement* u meta dan intbagħtu.

**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-każ**

**Dr William Cuschieri** għan-nom tas-soċjetà intimata qal li fil-bidu tal-proċeduri tqajmet il-kwistjoni tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal minħabba li l-liġi dak iż-żmien ma kinitx għadha ġiet emendata, kif fil-fatt ġara u għalhekk issa m'għadx hemm il-bżonn li jiġi deċiż jekk it-Tribunal jistax jisma' kawżi dwar allegat tkeċċija inġusta ta' persuni ingaġġati fi impjieg definit. Din issa riżolta. Jibqa' l-fatt, qal Dr Cuschieri li dan it-Tribunal irid jiddeċiedi preliminarjament jekk il-kuntratt kienx wieħed definit jew indefinit. Ir-rikorrenti, qal Dr Cuschieri kienet fil-fatt taħdem fuq kuntratt definit. Huwa qal li matul l-andament tal-kawża, il-parti l-oħra ma qablitx mar-rikors li għamlet hi originarjament. Huwa rrefera għall-paragrafu tat-tmiem, għat-talba fir-rikors oriġinali fejn is-subinċiż ikkwotat mir-rikorrenti, huwa subinċiż tal-kuntratt definit, mhux dak indefinit. Dr Cuschieri qal li minn hemm ġiet ixxiftjata l-pożizzjoni. Huwa qal li skont il-kundizzjonijiet tax-xogħol ppreżentati juri li l-kuntratt kien wieħed definit.

**Dr Franco Galea** għan-nom tar-rikorrenti qal huma dejjem sostnew li l-kuntratt kien wieħed indefinit, tant li l-intimata fir-risposta oriġinali tagħha, fit-tieni eċċezzjoni tgħid li l-impjieg tar-rikorrenti ma kienx għal żmien definit iżda kien wieħed għal żmien indefnit. Dan, irrispettivament x'ġie rreġistrat mal-Jobsplus għax fil-fatt il-formola tal-bidu tal-impjieg hija l-unika formola li mhix iffirmata mill-impegata u għalhekk hija dikjarazzjoni unilaterali tal-intimata. Dr Galea qalli issa m'hemmx dubju jekk it-Tribunal għandux kompetenza jisma' kawża dwar allegat tkeċċija inġusta ta' impjiegi definiti għax din ġiet riżolta bl-Att ħdax (11) ta' Diċembru, 2020.

**Deċiżjoni**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi preliminarjament jekk it-talba tar-rikorrent li saret nhar is-6 ta' Awwissu, 2018, biex jiddetermina jekk li l-kuntratt ta' impjieg li ġie tterminat kienx wieħed definit jew indefinit.

Tenut kont seba' fatti li ħarġu waqt dan il-proċess u ċjoe :

Li r-rikorrenti ġiet impjegata bħala Child Carer f'April 2017;

Li r-rikors promotur isemmi artiklu 36 (11), u li fuqu ntalab kumpens ;

Li skont il-JobsPlus, r-rikorrenti tidher li għadha impjegata u l-impjieg ma ġiex itterminat;

Li għal xi raġuni l-Engagement form minflok daħlet b'mod elettroniku, twasslet bħala hard copy, hand written u ma fihiex il-firma tal-impjegat;

Li m'hemmx xejn fil-provi li juri b'mod ċar li kien hemm xi ftehim li l-impjieg kien fuq bażi definit;

Li lanqas biss ġie ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet ;

Li r-rikorrenti ġiet itterminata fil-15 ta' Mejju 2018 iżda l-ittra ta' bidu ta' impjieg ġiet imdaħħla l-JobsPlus fl-1 ta' Frar 2019, kważi sena wara li ġie mitmum l-impjieg.

It-Tribunal preliminarjament ġie affaċċjat jiddeċiedi jekk l-impjieg tar-rikorrenti kienx wieħed definit jew indefinit. It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li kawżi bħal dawn juru biċ-ċar li l-liġi tax-xogħol ma tiġix meħudha bis-serjetà meta wieħed

jimpjega persuna u ma jagħmlilhix kuntratt tax-xogħol. Dan huwa nuqqas serju sew min-naħa ta' min iħaddem u sew min-naħa tal-impjegat. M'għandu qatt jigi aċċettat li dan isir, aktar u aktar minn min iħaddem għax kif nafu u kif ġie diversi drabi stabbilit sew f'ġurisprudenza u sew f'kitbiet awterovoli li min iħaddem ikun f'pożizzjoni ogħla mill-impjegat għax hija ħaġa minn ewl id-dinja li l-impjegat prospettiv ikun irid minn min se jħaddmu u jkun xi ftit jew wisq f'pożizzjoni inferjuri u żvantaġġjata. Huwa għalhekk li kull persuna li se tħaddem impjegat għandha tara li tagħmillu kuntratt tax-xogħol. L-inqas ħaġa li għandha tagħmel jekk trid tkun serja fix-xogħol tagħha u fir-relazzjonijiet mal-impjegati u f'għajnejn is-soċjeta' inġenerali. Fin-nuqqas ta' dan isiru kawżi bħal din tal-lum, li setgħu faċilment ġew evitati.

Dan it-Tribunal meta ra l-provi mressqa u xi drabi anke attentati mqanżħa biex l-affarijiet joqorbu lejn il-likk, ma setax jikkonvinċix ruħu li kien hemm ftehim fuq impjieg b'durata definittiva. Mill-banda l-oħra r-rikors promotur innifsu jitlob kumpens ai termini 36(11), liema kumpens jirreferi għal terminazzjoni inġusta minn impjieg fuq bażi definittiva. Iżda, imbagħad fir-risposta tagħha s-soċjetà nnegat li r-rikorrenti kienet impjegata fuq bażi definittiva u kkonfermat li l-impjieg kien wieħed indefinit. F'ċirkostanzi bħal dawn meta l-provi taz-żewġ naħat ikunu kunflinġenti, la mhux każ fil-kamp kriminali, l-ligi tistrieħ fuq bilanċ ta' probabiltajiet mill-provi li jkunu ġew imressqa. It-Tribunal jinnota wkoll li l-karta ta' bidu ta' impjieg li jkollha d-dettalji ta' x'tip ta' impjieg hu, ma kinitx iffirmata mir-rikorrenti. Jinnota wkoll li skont ir-records tal-Jobsplus, ir-rikorrenti tidher li għandha impjegata.

F'dan id-dawl it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi preliminarjament li dan għandu jitqies bħala impjieg fuq bażi indefinita.

It-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-każ.

(iffirmata)
**Doreen Parnis**
**Chairperson**